# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 44/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Carmen Warring**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanta, Carmen Warring, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 133769M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Ottubru, 2015 ghall-habta tas-14:15hrs gewwa Triq Depiro, Sliema;

1) Hebbet ghal Christopher Micallef u kkagunatlu offizi ta' natura hafifa skont kif iccertifikat minn Dr. R. Borg Med. Reg. No. 1716 tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

2) Bil-hsieb li tkisser jew thassar il-gieh ta' Christopher Micallef, weggatu bil-kliem, gesti, kitba jew b'disinji jew b'xi mod iehor;

3) Volontarjament kisret il-bon-ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Jannar, 2016 li biha ma sabitx lill-imputata hatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni izda sabitha hatja tal-ewwel imputazzjoni u bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta rabtitha b'garanzija personali ghaf-favur ta' Christopher Micallef taht penali ta' hames mitt euro (€500) ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta' Carmen Warring, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fil-parti fejn illiberatha mit-tieni u t-tielet imputazzjoni filwaqt illi thassarha u tirrevokaha fejn sabitha hatja tal-ewwel imputazzjoni u minflok tilliberha minn kull imputazzjoni htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi kif jirrizulta mir-rassenja dettaljata u minizjuza tal-fatti mill-ewwel Qorti, dan l-incident sehh meta sia missier minorenni kif ukoll ommu, li kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, accedew fl-iskola tal-minorenni sabiex jigbruh. Stante li ma kienx ghad hemm ftehim dwar il-hinijiet u modalita' tal-access, il-missier kwerelant odjern, talab li jiehdu d-dar tieghu u l-omm oggezzjonat izda xorta wahda refa' lit-tifel f'idu u beda miexi bih. L-appellanta, oht l-omm u allura z-zija tal-minuri, li kienet wasslet lill-ohtha bil-vettura taghha, ukoll oggezzjonat u din allegatament girfet lill-kwerelant fl-inkontru sfortunat quddiem dan il-minorenni;

2. Fl-udjenza tat-12 t'Ottubru, 2017 quddiem din il-Qorti, l-kwerelant irrinunzja ghal kwerela tieghu, izda, rinunzja f'dan l-istadju tal-proceduri ma hi ta' ebda effett u tista' tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti meta taghmel il-konsiderazzjonijet taghha dwar il-piena.

3. Fl-ewwel aggravju taghha, l-appellanta targumenta illi l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad tal-prova rikjest mil-ligi u kien hemm dubju ragjonevoli dwar kif il-kwerelant safa migruf. Jemergi mill-atti processwali illi l-kwerelant kien esebixxa certifikat mediku dwar offizi ta' natura hafifa konsistenti fi grif fil-ghonq u fuq id-dirghajn tal-kwerelant. Dawn huma ukoll riskontrati fir-ritratti esebiti li dwarhom l-appellanta tressaq argumenti dwar il-probita' taghhom. Din il-Qorti ezaminat ix-xhieda tal-kwerelant, dik ta' martu u tal-imputata kif ukoll tal-Kuntistabbli WPC 316 li kienet prezenti ghaz-zamma tal-bon ordni fil-hinijiet waqt il-hin ta' skular.

4. Il-kwerelant xehed illi meta nduna li d-diverbju bejnu, martu u ohtha kien ser jeskala beda miexi bit-tifel f'idejh u hin minnhom martu bdiet tiggranfah minn idu filwaqt li l-appellanta bdiet tiggranfah f'ghonqu bit-tifel jibki u mwerwer. Peress illi ma setghax iqieghed lit-tifel fil-karozza, rega hareg minnha u ftakar li fit-tarf l-iehor tat-triq ikun hemm Pulizija u mar ghall-assistenza taghha li

minnufih cemplet ghal aktar assistenza u fil-hin waslu zewg karozzi tal-Pulizija;

5. L-imputata innegat illi ikkawzat xi offizi fuq il-persuna tal-kwerelant u ma setghet qatt tigirfu b'dak il-mod anke ghaliex minhabba l-professjoni taghha ta' qabla ma jistghax ikollha dwiefer kif ukoll ma kienetx ser thalli s-sitwazzjoni teskala sa dak il-punt. Qalet ukoll li kienet ohtha li gibdet lill-kwerelant mill-flok. Tikkoncedi izda li kienet qed issegwi lill-kwerelant u li qaltlu diskors minnu riportat izda b'ton aktar civili. Mart il-kwerelant xehedet illi l-imputata qatt ma kienet vicin tieghu waqt dan id-diverbju;

6. WPC 316 imbaghad xehedet illi waqt li kienet xoghol dettaljata mal-iskola *de quo* tara lill-kwerelant gej fuqha u zewg nisa jigru, ipassu, warajh, waqaf u talabha l-assistenza ghaliex kienu qed qed jagreduh u li girfuh u rat lill-oht l-imputata tmiss idejn il-kwerelant u tipprova tiehu t-tifel minn idejh. Din l-ufficcjal innutat illi mart il-kwerelant kienet vicin tieghu filwaqt illi l-appellant kienet warajha aktar lura;

7. Maghmula din ir-rassenja tal-fatti, irid jinghad illi l-ewwel Qorti kienet fil-pjena diskrezzjoni li temmen verzjoni minn ohra anke jekk din tkun torigina minn xhud wiehed biss u dan kif jiprovdi l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali. Hija l-ewwel Qorti li generalment ikollha l-beneficcju li tisma lix-xhieda viva voce u tara il-komportament taghhom waqt li jiddeponi u li huwa dan li irradika l-hsieb ta' din il-Qorti matul iz-zminijiet li ma huwiex il-kompitu taghha li taghti gudizzju mill-gdid izda li tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha fl-assjem tal-provi migjuba quddiemha. Issa, skrutinata is-sentenza tal-ewwel Qorti u kif gia osservat li din ghamlet rassenja tajba tal-provi, jemergi illi minkejja li l-istess Qorti hadet kont tal-fatt illi l-kwerelanta ma kellhiex dwiefer u li kienet tinsab wara ohtha li kienet qed tipprova tiehu it-tifel minn

idejn il-kwerelant, ikkonkludiet li dan ma jfissirx li ma setghax isir il-grif fuq gisem il-kwerelant. L-ewwel Qorti ikkonkludiet b'dan il-mod. "*Li gara huwa li meta kienu mexjin warajh, min-naha Christine Micallef bdiet tipprova tiehu lit-tifel filwaqt li l-imputata bdiet tigbdu mill-flokk minn wara u b'hekk gie kkawzat l-grif*". Din il-konkluzzjoni izda, hija zbaljata ghaliex il-kwerelant stess jghid li kienet Christine Micallef li gibditu mill-flokk. WPC316 ukoll ikkonfermat illi il-kuntatt kien bejn il-kwerelant u martu u li l-imputata kienet lura minnhom it-tnejn. Meta mistoqsi kif jaf min girfu, l-kwerelant ma joffri ebda spjegazzjoni ghajr li kien miexi ghal tlett minuti u wahda ggebdek minn ghonqok u ohra minn idejk.

8. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li kienet l-appellanta li girfet lill-kwerelant li llum qieghed, ghal kull bon fini, jirrinunza;

9. Ghal dawn il-motivi, u wara li tara li ma hemm ebda raguni ghaliex ghandha tinoltra fl-aggravji l-ohra, tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghar-riforma tas-sentenza appellata u ghalhekk filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha ma sabitx lill-appellanta hatja tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, thassarha f'dik il-parti fejn sabitha hatja tal-ewwel imputazzjoni u minflok tilliberaha minn kull htija u piena.